MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2011

Numru. 228/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Michael Mallia)**
**(Spettur Arthur Mercieca)**

**vs**

**Victor Said**

Kumpilazzjoni Nru: 228/2008

Il-Qorti

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Victor Said, ta’ 36 sena, bin Michael u Emanuela nee’ Sciberras, imwieled Pieta, fil-25 ta’ Marzu, 1976 u residenti gewwa Blokk A1 Flat 2 Qasam tal-Bini tal-Gvern, Fgura u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 326976(M).

Akkuzat talli:

1 Nhar it-18 ta' Marzu, 2008 ghall-habta tal-11:30pm gewwa z-Zejtun, bil-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Louis Spiteri f' periklu car, wera dan il-hsieb b' atti esterni u ta bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt, billi ta daqqiet ta' strument li jaqta' u bil-ponta fil-partijiet vitali tal-gisem ta' l-imsemmi Louis Spiteri, liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta' tieghu;

2 Kif ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, permezz ta' arma bil-ponta u li taqta', volontarjament ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Louis Spiteri, liema offiza x' aktarx tikkaguna debulizza permanenti fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem, jew iggib difett permanenti f' parti ta' l-ghamla tal-gisem, jew, marda permanenti tal-mohh, jew ser iggib sfregju gravi u permanenti fil-wicc, fil-ghonq jew f' wahda mill-idejn ta' l-offiz, skond kif iccertifika t-tabib Dr. Thomas Armatys MD mill-isptar Mater Dei.

3 U aktar talli fil-waqt li kien qed jaghmel reat kontra l-persuna, kellu fuq il-persuna tieghu xi arma regolari u ma gabx prova xort' ohra li kien qed igorr l-istess arma regolari bi skop legittimu;

4 Akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi zamm u garr arma li taqta u bil-ponta minghajr ma kellu licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija;

5 Kif ukoll talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi hebb kontra il-persuna ta' Louis Spiteri sabiex jingurjah, idejqu jew jaghmillu hsara;

6 Kif ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kiser il-paci u l-ordni pubbliku b' ghajjat u glied;

7 Finalment giet akkuzat ukoll talli sar recidiv ai termini ta' l-artikoli 49, 50 u 289(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota ta’ l-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali kif mahsub f’l-artikoli:

a) 214, 217, 218(1)(a)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

b) 55(a), 56, 57, 60 u 61 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta;

c) 6 u 51(7) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta;

d) 338(m), 338(dd), 339(1)(d) u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

e) 382(A), 383, 384, 386 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; u

f) 17, 23, 31, 49, 50 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-fatti ta’ dan il-kaz huma relattivament semplici. Jirrizulta li fil-lejl bejn it-18 u id-19 ta’ Marzu 2008 il-parte leza Louis Spiteri kien qieghed f’bar iz-Zejtun. Wara ftit tal-hin dahal ukoll l-imputat u qam battibekk bejniethom. Huma hargu mill-bar, u dak li beda bhala battibekk ddegenera f’glieda fizika li fiha zgur intuza xi strument bil-ponta u li jaqta. Peremzz ta’ dan l-istrument Louis Spiteri spicca biex garrab griehi f’l-istonku (*stab wounds*) u fil-pala ta’idejh (*incised wounds*); hu kellu xi girehi ohra hfief. F’dan l-incident anke l-imputat sofra xi griehi: *bitemark* f’idejh u lacerazzjoni f’subghajh li kienet kompatibbli ma’ *blunt trauma*. Fuq il-post ta’ l-incident ma nstabitx l-arma li setghet ikkawzat il-griehi sofferti minn Spiteri.

Illi l-unika xhud ta’ kif bdiet il-glieda bejn iz-zewg partijiet koncernati fit-tieni stadju taghha (cioe meta kienu barra mill-bar) huwa l-parte leza Louis Spiteri. Ix-xhieda okkulari l-ohra huma persuni li kienu fil-bar u hargu barra meta

semghu l-ghajjat; dak il-hin Said u Spiteri kienu diga maghqbudin f'xulxin. Dawn in-nies li hargu mill-bar mill-ewwel ferrqu lil Said u Spiteri li dak il-hin kien diga soffra l-griehi. L-imputat, anke fuq suggeriment ta' dawn il-persuni (suggeriment maghmul f'l-interess taz-zamma tal-buon ordni meta kienu ghadhom ma jafux l-entieta tal-griehi sofferti minn Spiteri), telaq 'l hemm bil-vettura tieghu.

Illi fuq id-dinamika ta' l-incident Louis Spiteri jispjega li, minhabba xi incident li kien sehh zmien qabel li kien jikkoncerna l-vettura tieghu, u minhabba li waqt l-ewwel stadji ta'l-incident odjern l-imputat semma' l-vettura ta' Spiteri, dan hareg wara l-imputat mill-bar; hekk kif kienu barra kompla l-battibekk, l-imputat imbotta lil Spiteri, dan imbottah lura, regghu imbottaw lil xulxin u l-imputat ta daqtejn b'l-idejn lil Spiteri. Kien f'dak l-istadju li Spiteri ra sikkina f'idejn l-imputat u jghid li l-imputat attakkah bis-sikkina.

Illi ghandu jinghad li hadd mix-xhieda hlif Spiteri ra sikkina; fil-fatt ix-xhieda l-ohra li hargu meta semghu l-ghajjat jghidu li huma ma rawx skieken. Dan ma jfissirx li ghandu jezisti xi dubbju li l-griehi sofferti minn Spiteri gew kawzati minn strument li jaqta ghaliex mid-depozizzjonijiet tat-tobba kollha li b'xi mod ikkuraw u/jew operaw fuq Spiteri johrog bic-car li huwa kellu *stab wounds*.

Illi fir-realta johrog fattur iehor importanti hafna mid-depozizzjoni ta' Dr Alison Micallef M.D. u cioe li l-griehi li kellu Spiteri f'idejh kienu *defense wounds*. La darba l-unici zewg persuni li kienu involuti f'din it-taqbieda kienu l-imputat u Spiteri, din il-kostatazzjoni ghandha necessarjament twassal ghall-konkluzzjoni li Spiteri prova jiddefendi ruhu billi zamm jew prova jaqbad is-sikkina. Ghalhekk il-konkluzzjoni logika hija li s-sikkina kienet f'idejn l-imputat.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta ukoll li l-imputat dam kwazi erbgha u ghoxrin siegha qabel ma rritorna fid-dar tar-residenza tieghu u li f'dan il-hin huwa ikkomunika biss mat-tfajla tieghu.

Illi l-imputat irrilaxxja stqarrija fejn ta l-verzjoni tieghu dwar dak li gara waqt li hu u Spiteri kienu ghand il-Fifu Bar iz-Zejtun. Din il-verzjoni pero hija kontradetta kwazi f'kull aspett taghha mill-verzjoni ta' fatti mghotija mill-persuni kollha li kienu hemm dak il-hin.

Ikkunsidrat

Illi l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat ai termini tan-nota tar-rinviju ghall-gudizju ta'l-Avukat Generali huma li l-imputat ikkawza griehi (hekk imsejjha) gravissimi fuq il-persuna ta' Louis Spiteri permezz ta' strument li jaqta u bil-ponta, li kellu arma regolari fil-pussess tieghu waqt li kien qed jaghmel delitt kontra l-persuna, li kellu strument li jaqta u bil-ponta fil-pussess tieghu minghajr l-licenzja necessarja, li bil-lejl kiser il-mistrih tan-nies, li kiser il-paci u buon ordni pubbliku, li hebb ghal Spiteri u li hedded u ingurja lill-imsemmi Louis Spiteri; huwa akkuzat ukoll li huwa recidiv.  Ghandu jinghad li fic-citazzjoni kien hemm migjuba ukoll kontra l-imputat imputazzjoni dwar l-attentat ta' omicidju ta' Spiteri; m'hemm l-ebda referenza ghal dan ir-reat fin-nota ghar-rinviju ghall-gudizju hawn fuq imsemmija.

Illi mill-provi prodotti u l-fatti li jirrizultaw minn dawn il-provi l-Qorti hija sodisfatta li sehhet glieda bejn l-imputat u Spiteri u waqt din il-glieda l-imputat kellu sikkina fil-pussess tieghu u b'din is-sikkina kawza l-griehi sofferti minn Spiteri.

Illi dwar in-natura tal-griehi sofferti minn Spiteri jigi rilevat li fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju ta' l-Avukat Generali hemm referenza ghal-artikolu 218(1)(a)(b) tal-Kapitolu 9 cioe offieza li tikkaguna debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem, jew iggib difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem, jew, marda permanenti tal-mohh, u offieza li ggib sfregju gravi u permanenti fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn.

Illi b'referenza ghall-ferita li Spiteri kellu f'l-istonku mill-provi prodotti m'hemm l-ebda dubbju li l-ferita dahlet f'wahda mill-kavitajiet tal-gisem ta' Spiteri u li din l-offieza

setghet iggib il-perikolu tal-hajja, pero ma jirrizultax li gabet il-konsegwenzi imsemmija f'l-artikolu 218. Fil-fatt hadd mit-tobba u konsulenti medici li tressqu bhala xhieda ma jghid li bhala konsegwenza ta' dan l-incident Spiteri kellu xi konsegwenza permanenti.

Illi dwar il-feriti li Spiteri kellu f'idejh il-Qorti tirrileva li ghalkemm m'hemm l-ebda dubbju li Spiteri soffra sfregju f'idejh it-tnejn, ma jirrizultax li dan l-isfregju jissodisfa l-estremi ta'l-artikolu 218(1)(b).

Illi ghalhekk il-Qorti qed issib lill-imputat hati ta'l-ewwel imputazzjoni (ref para "a") migjuba kontra tieghu ai termini tan-nota tar-rinviju ghall-gudizzju ta'l-Avukat Generali b'dan li l-griehi sofferti huma dawk anqas gravi u indikati f'l-artikolu 216(1)(a)(i)(ii)(b)(c).

Illi kif diga ntqal mill-provi prodotti jirrizulta li l-imputat kellu sikkina fil-pussess tieghu meta mar ghand il-Fifu Bar u li uza din is-sikkina waqt il-glieda li kellu ma' Spiteri b'mod li kkawzalu l-griehi hawn fuq imsemmija. Jirrizulta ukoll li l-imputat ma kellux permess biex igorr din l-arma. Ghalhekk it-tieni u t-tielet imputazzjoni (para "b" u "c") addebietati lilu fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju huma sodisfacjentement pruvati.

Illi r-raba imputazzjoni (para "d") indikata fin-nota ghar-rinviju ghall-gudizzju tirreferi ghal numru reati ta' natura kontravvenzjonali.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta ampjament li b'l-agir tieghu l-imputat kiser il-paci pubblika u anke il-mistrih tan-nies hekk kif m'hemmx dubbju li huwa hebb ghal Spiteri, pero, anke mid-depozizzjoni ta' Spiteri, ma jirrizultax li l-imputat qal xi kliem ingurjuz u ta' theddied lil Spiteri. Konsegwentement il-Qorti hija tal-fehma li din ir-raba imputazzjoni tirrizulta in kwantu tirreferi ghar-reati kontemplati f'l-artikoli 338(m), 338(dd) u 339(1)(d) biss.

Illi l-imputat huwa akkuzat li huwa recidiv ai termini ta'l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9. L-unika sentenza li ngabet bhala prova in sostenn ta' din l-imputazzjoni hija wahda

datata 11 ta’ Dicembru 1996 mghotija mill-Qorti tal-Magistrati u li permezz taghha l-imputat gie ikkundannat sentejn prigunerija sospieza ghal erbgha snin u multa ta’ Lm250. Peress illi ghalhekk il-perjodu ta’ hames snin stipulati f’l-artikolu 50 kien lahaq skada meta gew kommessi r-reati odjerni l-imputat ghandu jitqies recidiv ai fini ta’l-artikolu 49 biss.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-insenjament tal-Qorti ta’ l-Appell Kriminali dwar il-piena indikata meta r-reati in kwistjoni jkunu jinvolvu vjolenza fizika. Hadet in konsiderazzjoni ukoll il-fedina penali ta’l-imputat.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti fil-waqt li ma ssibx lill-imputat hati tar-reat kontemplat f’l-artikolu 339(1)(e) u tilliberah minn din l-imputazzjoni, wara li rat l-artikoli 49, 214, 217, 216(1)(a)(i)(ii)(b)(c), 338(m), 338(dd) u 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikoli 6 u 55(a) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta ssibu hati ta’l-imputazzjonijiet l-ohra kollha migjuba kontra tieghu ai termini tan-nota tar-rinviju ghall-gudizzju ta’ l-Avukat Generali b’dan li in kwantu l-imputazzjoni ta’ offiezi gravi fuq il-persuna ta’ Louis Spiteri l-offiezi pruvati huma dawk minuri kontemplati f’l-artikolu 216(1)(a)(i)(ii)(b)(c) u mhux f’l-artikolu 218(1)(a)(b), u in kwantu l-imputazzjoni tar-recidieva huwa jista’ jigi kunsidrat tali ai fini biss ta’l-artikolu 49 u mhux ta’ l-artikolu 50 ukoll, u tikkundannah disgha (9) xhur prigunerija u multa ta’ mija sittax il-Euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47); in oltre b’applikazzjoni ta’l-artikolu 57 tal-Kapitolu 480 qed tiskwalifika lill-imputat milli jkollu kwalunkwe licenzja kontemplata f’l-imsemmi Kapitolu 480 ghal perjodu ta’ hames snin. In konkluzzjoni u b’applikazzjoni ta’l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 l-imputat qed jigi kkundannat jhallas lir-Registratur ta’ din il-Qorti s-somma ta’ elf tmien mija u tlieta u sittin Euro u tmintax il-centezmu (€1863.18) rapprezentanti spejjez involuti fin-nomina ta’ esperti; il-hlas ghandu jsir fi zmien sitt (6) xhur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------